# Pajjiż tal-Qaddisin – eżempji mill-Bolli Maltin (2)

*Antoine Vassallo*

## San Ċirijaku




Din il-kappella qadima ferm fil-limiti tar-Rabat, Malta (fl-inħawi ta' Ġnien is-Sultan), x'aktarx nafuha bħala "San Mikiel ta' Sanċir" (jew tas-Sinċier). L-istudjużi jargumentaw li d-dedikazzjoni lil San Mikiel (l-Arkanġlu) kienet riżultat tal-bidla f'pajjiżna mill-kult Grieg għal dak Latin; infatti ma humiex ftit il-postijiet tal-kult li bidlulhom it-"titular" f'dak il-perijodu. Hekk ġralu San Ċirijaku (popolarment San Ċir), eremita tas-seklu sitta. Illum ma tantx għadna nafu bih; anzi hemm Ċirijaki oħrajn li jħawduhom miegħu!

Ċirijaku tagħna, imwieled f'Korintu, mar jgħix fil-Palestina jfittex il-perfezzjoni. Minkejja l-ħajja sempliċi ta' anakoreta maqtugħ mid-dinja, xorta kellu jintervjeni f'diskussjonijiet dwar aspetti tat-twemmin nisrani li kienu għadhom ma humiex deċiżi formalment.

Bħal tant eremiti, il-bijografija tiegħu tinfurmana li miet ta' iktar minn mitt sena. Il-bijografu (ċertu Ċirillu) jirrakkuntalna li darba mar ikellmu u sabu b'iljun iservih bħala kelb tal-għassa! U mewtu ma waqqfitlux il-popolarità: anzi! Peress li l-jum liturġiku tiegħu kien id-29 ta' Settembru, meta kellhom jagħżlu qaddis mhux mil-Lvant għall-kappella, waqgħu appuntu fuq l-Arkanġlu li niċċelebrawh fl-istess data.

Dil-bolla sempliċi kienet f'sett tal-2004 impitter minn Renè Sacco.

## Il-Profeta David




Dan is-sett tal-Milied iddisinjat fl-1992 minn Lawrence Buttigieg, kien ikun aħjar f'format ikbar għax il-pitturi ta' Ġużeppi Calì ftit nistgħu napprezzawhom żgħar hekk. Intgħażlu episodji miċ-ċiklu ta' taħt il-koppla tal-Mosta – bil-pendent sħiħ, bil-profeti b'kollox! Kienet sfortuna għax dawn ix-xogħlijiet (tal-bidu nett tas-seklu għoxrin) huma magħduda fost l-aqwa ta' dan l-artist rappreżentat f'firxa wiesgħa ta' knejjes fiż-żewġ gżejjer. F'din il-bolla hemm inklużi, allura, kemm is-Slaten Maġi jaduraw lil Ġesù Tarbija u kemm is-sultan David.

Ir-re David hu persunaġġ importanti tat-Testment il-Qadim li jgħaqqadna sew mal-Ġdid. Għex elf sena qabel Kristu u tela' fuq it-tron warajh ibnu Salamun. Żbalja – u bl-oħxon – iżda Alla żamm il-wegħda li minn nislu joħroġ il-Messija: Messija differenti minn kif kienu jaħsbu, li waqqaf Saltna aqwa u ta' natura oħra. Ir-rakkonti dwaru

nsibuhom fil-kotba ta' Samwel u tas-Slaten; iżda nafuh iktar bħala l-awtur – jew il-poeta – tas-Salmi, anki jekk hemm fosthom li nkitbu ftit sew wara mewtu. Hemm min iħares lejh bħala patrun tal-poeżija.

Qiegħed fil-lista liturġika tad-29 ta' Diċembru – u hemm xi qaddisin oħra li ħadu ismu.

## San Dimitri




Din il-bolla tal-1997 kienet fis-sett annwali msejjaħ "Europa", maħruġ minn numru kbir ta' pajjiżi (anki barra mill-Ewropa!) fuq tema deċiża kull sena mill-PostEuro. Did-darba s-suġġett kien "Leġġendi" u ntgħażlet il-famuża storja ta' San Dimitri.

Joe Mallia "rrakkonta" ċar sew il-ġrajja Għawdxija ta' Żgugina li talbet lil San Dimitri biex jeħilsilha lil binha maħtuf mill-furbani: "San Dimitri, ġibli lura 'l ibni, u nixgħellek qasba żejt". Il-qaddis ħareġ ilebbet fuq iż-żiemel mill-kwadru u wara ftit reġa' lura bit-tfajjel f'dirgħajh.

Din l-istorja, imsemmija minn De Soldanis u mdaħħla fil-letteratura Maltija minn poeti bħal Mary Meylak u Patri Ġużè Delia, hi assoċjata ma' kappella fil-limiti tal-Għarb li għandha ftit sekli mhux ħażin. Fil-fatt din hi l-unika kappella f'pajjiżna ddedikata lil San Dimitri (jew Mitri): nassumu li fittxewh bħala patrun kontra dan it-tip ta' diżgrazzji, iktar komuni fil-gżira ż-żgħira. Demétrios jista' jirreferi għal xi nofs tużżana qaddisin; probabbli hawn qed nitkellmu minn martri Grieg li l-kult tiegħu tferrex bil-kbir mat-Tessalonika sa mis-seklu ħamsa. Il-Martiroloġju Ruman jġibu fid-9 t'April, iżda l-Ortodossi jqimu lil dal-"Megalomartri" fis-26 t'Ottubru.

## San Duminku Savio




Wara tliet qaddisin "qodma", naslu għal wieħed li nafu ħajtu fid-dettal. Dal-patrun tal-abbatini (li miet fl-1857 ta' ħmistax-il sena), wettaq ismu fil-prattika għax ifisser sempliċement "konsagrat lill-Mulej". Nassoċjawh ma' San Ġwann Bosco u hekk wassalulna Frank Portelli f'sett ta' kommemorazzjonijiet reliġjużi fl-1988: dil-bolla fakkret iċ-ċentinarju mill-mewt tal-fundatur tas-Salesjani.

Dun Bosco laqgħu bħala tifel intelliġenti – u li jfittex il-qdusija. Infatti, darba staqsieh: "Kif insir qaddis?" U r-risposta ta' Bosco: "Aqdi lill-Mulej bil-ferħ," kompliet urietu t-triq. Kien beda jitqarben minn età iżgħar min-normal għal dak iż-żmien u kompla b'Quddiesa bit-tqarbina kuljum, flimkien ma' qrara kull ġimgħa. Il-ferħ f'qalbu kien jixprunah biex iwettaq dmirijietu bl-aqwa eżattezza u, b'sens ta' sagrifiċċju ispirat mill-Kurċifiss u mill-imħabba t'Alla, serva ta' appostlu ma' sħabu f'kull ċirkostanza. Hu kien joffri sagrifiċċji bil-moħbi għall-konverżjoni tat-tfal imbegħdin mill-Mulej. Kompla żied fil-ħeġġa mal-proklamazzjoni tad-Domma tal-Kunċizzjoni.

Għaraf li wasal fit-tmiem u laqa' bl-istess ferħ il-mument: "Għażiż papà, xi sbuħija qiegħed nara!" F'dehra lil Don Bosco, qallu li l-Madonna laqgħetu u saħaq biex jitolbuha kontinwament. Il-fama immedjata u l-mirakli wasslu għall-kanonizzazzjoni fl-1954, bil-jum liturġiku d-9 ta' Marzu.

*(Gozo Philatelic Society:* secretary@stamps-gozo.org *– bl-għajnuna ta' Mons Ġużeppi Farrugia)*